SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Rif Minuti 24/K7/14**

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 23/01/'14** **307**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 23/01/'14** **362**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/03/'95 – 19/11/'13** **19**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2014.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Kunsillier Norman Vella
Il-Kunsillier Anthony Grech
Il-Kunsillier Alex Grech
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Richard Scicluna
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech

1.04 Skużati (3) -Il-Kunsillier John Agius (Inc. ref. 366/14).
Il-Viċi Sindku Charles Camenzuli (inc.ref. 380/14).
Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli (Inc. ref. 387/14).

1.05 Assenti: - (0).

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Kien hemm preżenti wkoll Ms. Johanna Caruana bħala rappreżentanza minn JCA Ltd għall-accounts tal-Kunsill.

1.08 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fis-17 ta' Jannar 2014. L- Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Aġġornament Proġett Dar ta' l-Anzjani, Day Care Centre, Uffiċċju Amministrattiv ġdid għal-Kunsill u Parkeġġ Pubbliku
4. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013
5. *Financial Statements*
6. Sitwazzjoni Finanzjarja
7. Approvazzjoni ta' Pagamenti
8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 23/K7/13 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 23/K7/13.

1.3.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4 Approvazzjoni ta' Minuti – Kumitat Amministrattiv Paceville**

1.4.01 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 34/KA1/13 u 35/KA1/13 tal-Kumitat Amministrattiv Paceville (Ara Appendiċi 'A' u 'B').

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

6525 Email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Diċembru 2013.

| | |
|---|---|
| 6614 | Ittra mingħand JCA Limited rigward diskrepanza fl-Increment tal-2012 tas-Segretarju Eżekuttiv. |
| 6778 | Risposta mingħand il-Cleansing Services Directorate dwar l-oġġezzjoni tal-Kunsill għall-ħlas tal-fattura MTI-CSD-TG 002/13 u fattura MTI-CSD-TG 003/13. |
| 6785 | Email mingħand il-Paradise Bay rigward l-attivita' għall-anzjani li saret f' Diċembru. |
| 48 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-Allokazzjoni Finanzjarja 2014. |
| 49 | Email mingħand il-Bank of Valletta dwar BOV Museum. |
| 89 | Ittra mingħand l-Għaqda Armar San Giljan b'talba biex jitħallas wieħed mill-pavaljuni li ser isir fit-triq tal-Kunsill. |
| 91 & 6901 | Korrispondenza rigward Memo 34/2013 – Sejħiet għall-Offerti / Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq. |
| K0021 | Ittra ta' ringrazzjament li ntbgħatet lis-Sur Victor Cachia. |
| 337 | Email mingħand il-Perit Manuel Zammit rigward programmta' xogħlijiet b'konnessjoni mal-P.P.P. |
| 340 | Ittra mingħand is-Sinjura Marisa Micallef rigward ittra ta' riżenja. |
| K0042 | Korrispondenza li ntbgħatet lis-Sur Franco Naudi tal-Active Enterprises rigward pagamenti pendenti b'konnessjoni ma' permessi. |
| 343 | Ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Case No 723/13 - Talba sabiex tiġi rranġata Triq Furtu Selvatico, San Ġiljan. |
| 366, 380 & 387 | Korrispondenza mingħand il-Kunsillier John Agius, il-Viċi Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Jannar 2014. |
| K0073 | Ittra lit-Transport Malta, rigward ir-rotot tat-trasport pubbliku fil-lokalita' ta' San Ġiljan u Ta' Ġiorni. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif Nru. 6525**

2.02 Saret riferenza għal-email mingħand il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Diċembru 2013. Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li tiġi skużata.

2.03 **Rif Nru. 6614**

Saret riferenza għall-ittra mingħand JCA Limited rigward diskrepanza bejn l-FS3 u l-ammont li rċeviet is-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2012. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata d-differenza.

2.04 **Rif Nru. 6778**

Saret riferenza għal *email* mingħand il-Works and Services – Cleansing Services Directorate dwar l-oġġezzjoni tal-Kunsill għall-ħlas tal-fattura MTI-CSD-TG 002/13 għal ammont ta' €595.66 u fattura MTI-CSD-TG 003/13 għal ammont ta' €75.00. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Works and Services – Cleansing Services Directorate li la darba x-xogħol sar minn ħaddiema tad-Direttorat il-pagamenti dovuti għandhom jitħallsu, għalhekk dan l-ammont jibqa' pendenti sakemm jithallas. F'dan l-istadju l-Kunsill baqa' jinsisti li l-pagamenti ma jsirux. Dan minħabba li kif diġa spjegat fil-korrispondenza li ntbagħtu mill-Kunsill (rif. K815 u K1100), il-Kunsill ma kellux il-finanzjament biex isir ix-xogħol u apparti dan, il-parti li tnaddfet hija tal-privat u hemm kawża għaddejja l-Qorti.

2.05 **Rif. Nru. 6785**

Saret riferenza għall-email mingħand il-Paradise Bay rigward l-attivita' għall-anzjani li saret f'Diċembru. Il-Kunsill ġie nfurmat li peress li ma attendewx il-persuni kollha li kellhom jattendu għal din l-attivita' il-Kunsill xorta ser ikollu iħallas għall-persuni kollha li ġie kkunfermat li ser jattendu.

2.06 **Rif Nru. 89**

Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Armar San Ġiljan b'talba biex jitħallas wieħed mill-pavaljuni li ser isir fit-triq tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Għaqda tiġi nfurmata li l-liġi tal-Kunsilli ma tippermettix li jsir dan, iżda l-Kunsill ser jipprova jagħmel l-almu tiegħu.

2.07 **Rif Nru. 91 & 6901**

B'riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Koordinatur tal-Northern Harbour District Joint Committee rigward Memo 34/2013 (Sejħiet għall-Offerti / Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq), ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jimxi skont id-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt u, jekk huwa possibbli jiġġeded il-kuntratt b'sena. F'każ li l-Kumitat Konġunt ixolji, il-Kunsill jimxi mad-deċiżjoni tar-Reġjun biex it-tender tinħareġ mir-Reġjun.

2.08 **Rif Nru. K0021**

Il-Kunsill ġie nfurmat li ntbgħatet ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Victor Cachia għax-xogħol siewi li għamel mal-Kunsill matul dawn is-snin.

2.09 **Rif Nru. 337**

Il-Kunsill ġie nfurmat bil-programm ta' xogħolijiet b'konnessjoni mal-*Public Private Partnership.*

2.10 **Rif Nru. 340**

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sinjura Marisa Micallef reġgħet tat ir-riżenja u li din mhiex revokabbli.

2.11 **Rif Nru. K0042**

Saret riferenza għall-korrispondenza li ntbgħatet lis-Sur Franco Naudi tal-Active Enterprises rigward pagamenti pendenti b'konnessjoni ma' permessi. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li jekk sal-Ġimgħa 24 ta' Jannar 2014, is-Sur Naudi ma jħallasx il-pagamenti pendenti għal ammont ta' € 4542.33, il-Kunsill japplika l-klawsoli 3.8, 4 u 5 tal-Bye-Laws K.L.B.L. 52/2/2006 mingħajr avviż ieħor.

2.12 **Rif Nru. 343**

B'riferenza għall-ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Case No. 723/13 – Talba sabiex tiġi rranġata Triq Furto Selvatico, San Giljan, ġie deċiż unanimament li terġa tintbagħat ittra lid-Dipartiment fejn jerġgħu jiġu nfurmati li f'din it-triq hemm bżonn li jsir *reconstruction* tat-triq u mhux manutenzjoni biss. Jekk il-Kunsill ma jingħatax il-finanzament li hemm bzonn il-Kunsill ma jistax jagħmel dan ix-xogħol u għalhekk ma jistax jinzamm

responsabbli anke jekk din it-triq taqa' taht ir-responsabilita' tal-Kunsill .

2.13 **Rif Nru. 366, 380 & 387**

Saret riferenza għall-korrispondenza mingħand il-Kunsillier John Agius, il-Viċi Sindku Charles Camenzuli u l-Kunsilliera Rita Dimech Portelli rigward nuqqas t'attendenza għal-laqgħa ta' Jannar 2014. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li jiġu skużati għal din il-laqgħa.

2.14 **Rif Nru. K0073**

Il-Kunsill ġie nfumat li ntbagħtet ittra lit-Transport Malta, rigward ir-rotot tat-trasport pubbliku fil-lokalita' ta' San Ġiljan u Ta' Ġiorni.

2.15 Iċ-Ċermen talab sospenzjoni tar-regolamenti biex jiġi diskuss 'item' 4 u 5 qabel 'item' 3 ta' l-Aġenda.

2.16 Ma kienx hemm oġġezjoni.

**4. Rapport Finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013**

4.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li r-rapport finanzjarju sal-31 ta' Diċembru 2013, ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

**5. Financial Statements**

5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013 (Ara Appendiċi 'C').

5.02 Ir-rappreżentanta tal-JCA Ltd., Ms Johanna Caruana tat spjegazzjoni dettaljata ta' dawn il-Financial Statements.

5.03 Wara diskussjoni l-Kunsillier Anthony Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013.

5.04 Il-Kunsillier Alex Grech issekondah.

5.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

5.06 Ms. Caruana ġiet skużata fit-3.40p.m.

**3. Aġġornament Proġett Dar ta' l-Anzjani, Day Care Centre, Uffiċċju Amministrattiv ġdid għal-Kunsill u Parkeġġ Pubbliku**

3.01 Saret riferenza għall-Minuti 23/K7/13, Taqsima 2 Para. 2.04. Il-Kunsill ġie nfurmat li din il-materja tqegħdet fuq l-aġenda biex jiġi diskuss il-*'way forward'* tal-proġett Dar ta' l-Anzjani, Uffiċċju Amministrattiv Ġdid għall-Kunsill u Parkeġġ Pubbliku iżda qabel kellha issir laqgħa mal-Ministru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali l-Onor. Marie Louise Coleiro Preca, mas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilita' u Anzjanita' Attivita' l-Onor. Franco Mercieca u mas-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali l-Onor. Jose' Herrera. Il-Kunsill ġie nfurmat ukoll li saru t-talbiet għal-laqgħa, waħda fid-9 ta' Diċembru 2013 (Rif. K1537/exp.of interest/13-MC) u l-oħra fil-11 ta' Jannar 2014 (Rif. K0003/exp.of interest/14-JC), iżda l-Kunsill għadu qed jistenna l-appuntament min-naħa tagħhom. Għaldaqstant appena li l-Kunsill jirċievi l-appuntament, il-kunsilliera jiġu nfurmati.

**6. Sitwazzjoni Finanzjarja**

6.01 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ammont allokat fuq tiswijiet u mantenzjoni tat-toroq (Acc. No. 2311 huwa ta' €68,000 għal sena (€53,000 għal San Giljan u €15,000 għal Paceville). Dan huwa ekwivalenti għall-€17,000 kull kwart tas-sena ; (€13,250 fuq San Ġiljan u €3,750 fuq Paceville). Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li :-

a) sakemm il-Kunsill jingħata aktar finanzjament il-patching isir b'mod temporanju minflok bil-hot asphalt.

b) qabel ma jinħarġu l-*works orders* il-Kunsill irid ikun irċieva il-kont tax-xogħol tal-*works order* preċedenti. Dan għandu isir biex ikun hemm aktar kontroll u l-Kunsill ma jidħolx f' deficit.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi ' D').

7.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

7.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 8. Approvazzzjoni ta' Purchase Request Sheets

8.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 3515 sa 3545 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

8.02 Il-Kunsillier Alex Grech ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 3515 sa 3545.

8.03 Il-Kunsillier Anthony Grech issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament u ġie deċiż li x-xogħlijiet b'konnessjoni mar-Request Sheets tar-*Repair and Upkeep* kollha jsiru bit-temporanju.

8.05 Iċ-Ċermen talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 9. Materji oħra

9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Minuti tal-laqgħat li saru nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2014 mal-Kuntrattur tal-*Public Private Partnership* u mat-Transport Malta (Ara appendiċi 'F' u 'G').

9.02 Il-Kunsill ġie nfurmat li: -

a) Nhar l-Erbgħa 5 ta' Frar 2014, fis-1p.m. ser issir il-laqgħa ma' l-Avukat u l-Periti dwar ir-rapporti li kien sar mis-Solid Base dwar il-crack monitoring ta' l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

b) Il-laqgħa saret qabel it-30 ta' Jannar 2014 peress li s-Sindku ser ikun imsiefer.

c) Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2014 fis-2.30p.m.

d) Il-Kunsilliera Irene Borg ser torganizza 'self funding activities' kif ġej:-

   1) weekend break ġewwa l-Qawra Palace, Bugibba mit-8 sal-10 ta' Frar 2014.

2) ħarga kulturali għar-Rabat u Ħad-Dingli fit-12 ta' Marzu 2014.

9.03 Il-laqgħa ntemmet fl-4.15p.m.

**Peter Bonello**
**Sindku**

**Helen Walker**
**Segretarju Ezekuttiv**